

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali “NEW MAX”, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 5 u 38 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 106 474

Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Baumarkt Max Bahr GmbH & Co. KG

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali “MAX”, għal servizzi fil-klassi 35

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata u applikazzjoni għat-trade mark ikkonċernata miċħuda kompletament

Motivi invokati: ma hemm ebda probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti

Rikors ippreżentat fl-24 ta' April 2014 – Novomatic vs UASI – Berentzen Mally Marketing plus Services (BLACK JACK TM)

(Kawża T-257/14)

(2014/C 194/41)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Novomatic AG (Gumpoldskirchen, l-Awstrija) (rappreżentant: W. Mosing, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Berentzen Mally Marketing plus Services GmbH (Meerbusch, il-Ġermanja)

Talbiet

— tannulla d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-18 ta' Frar 2014, fil-Każ R 329/2012-4, bil-konsegwenza li l-UASI jkollu jiċħad l-oppożizzjoni fl-intier tagħha, minħabba nuqqas ta' xebh tal-prodotti jew tas-sinjali jew minħabba nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni u jawtorizza r-reġistrazzjoni tat-trade mark Nru 9 456 278 kif intalab;

— tikkundanna lill-UASI, u fil-każ ta' intervent bil-miktub, lill-parti opponenti, għall-ispejjeż rispettivi tagħhom u għal dawk sostnuti mir-rikorrenti fil-kuntest tal-appell quddiem l-UASI u tal-proċeduri preżenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali “BLACK JACK TM” għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 28 u 41 – applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 9 456 278

Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Berentzen Mally Marketing plus Services GmbH

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark verbali u figurattiva “BLACK TRACK”, għal prodotti fil-klassijiet 18, 25 u 28

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata u applikazzjoni għal reġistrazzjoni parzjalment miċħuda

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fit-22 ta' April 2014 – Hansen vs UASI (WIN365)

(Kawża T-264/14)

(2014/C 194/42)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Robert Hansen (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Pütz-Poulalion, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (trade marks u disinni), tal-20 ta' Frar 2014, fil-Każ R 908/2013-4;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark verbali WIN365 għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 35, 36, 38 u 41- Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 11 513 851

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fit-23 ta' April 2014 – Zehnder Group International AG vs UASI – Stiebel Eltron (comfotherm)

(Kawża T-267/14)

(2014/C 194/43)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Zehnder Group International AG (Gränichen, l-Isvizzera) (rappreżentant: J. Krenzel, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Stiebel Eltron GmbH & Co. KG (Holzminden, il-Ġermanja)

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell, tal-21 ta' Frar 2014, fil-Każ R 1318/2013-4;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark verbali “comfotherm” għal prodotti fil-klassijiet 9 u 11 – trade mark Komunitarja Nru 8 859 472